IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 09**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 15 ta' Ottubru 2013 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 08**

1.01 Il-Kunsill ikkunsidra l-minuti tas-seduta nru G08 — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 08

1.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab emenda f'*item* **11.12** — Emenda

Il-Kunsillier Vassallo ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-triq li għanda bżonn issirilha manutenzjoni hija **Triq it-Tabija** u mhux **Triq Għeriexem**. Din l-emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier Stephen Borg u għaddiet unanimament.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Il-minuti tas-seduta nru G08 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 08

Punti li joħorġu mill-Minuti G 08

2.01 2.01 Is-Sindku ippreżenta ċertifikazzjoni tal-perit tal-Kunsill għal xogħlijiet li saru fi Triq Bir ir-Riebu u Triq Ħal Bajjada li kienu jiffurmaw parti mix-xogħlijiet li ma kinux ġew approvati mill-Kunsill u li sar rapport dwarhom lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Rapport bis-suġġett "Il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill".

Fiż-żewġ każi l-perit iċċertifika x-xogħlijiet filwaqt li enfasizza li ma kienx preżenti waqt l-eżekuzzjoni tagħhom kif ukoll li tali xogħlijiet ġej ikkonfermati lilu mill-*works monitor* tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar x'wassal biex issir ir-rapport u l-komunikazzjoni li kien hemm dwaru wara mistoqsijiet li saru mill-Kunsillier Rudolf Grima.

Il-Viċi Sindku pproponiet l-approvazzjoni taċ-ċertifikati kif ippreżentati mill-perit. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Wara li ma kienx hemm qbil unanimu minn dawk preżenti s-Sindku talab li jittieħed vot fuq il-proposta. Il-vot għadda b'erba' voti favur u erbgħa astensjonijiet.

2.02 3.03 Is-Sindku għamel referenza għal laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo, ffejn kien diskuss il-probizzjoni tal-liġi dwar il-Kunsilli Lokali li jingħataw kull tip ta' donazzjonijiet. Meta saret referenza għal talbiet li għamlu l-Motor Sport Association, l-Onor. Buontempo kien ser jinforma lill-Kunsill x'għajnuna tista' tingħata.

Laqgħa mal-Onor. Stefan Buontempo

L-Onor. Buontempo ssuġġerixxa lill-Kunsill, sabiex jitlob lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jidentifikawlna xi postijiet/garaxxijiet tal-gvern li hemm vojta fil-lokalità, sabiex dawn jiġu allokati lill-Kunsill għal użu ta' ċentru għall-anzjani u klabb tal-ħamiem. Is-Sindku informa l-laqgħa li din it-talba diġà saret lid-Dipartiment tal-Artijiet.

2.03 3.07 Is-Sindku informa l-laqgħa li kienet intbagħtet ittra u li r-Rettur tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp kien ikkuntattjah u nfurmah li l-każ kien ser jiġi diskuss il-laqgħa tagħhom li jmiss.

Ilment dwar bankina tal-ħadid fi Sqaq Nru 1, Triq San Pawl

2.04 7.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva ittra mingħand il-federazzjoni tal-ħamiem, fejn aċċertaw li l-ħamiem tas-Sur Charlot Scicluna huma tat-tlielaq. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ippropona li tingħata *in-no objection*, issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolph Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

Talba dwar applikazzjoni nru PA 1185/13

2.05 7.04 Is-Sindku ppreżenta l-istima ta' €1120 għal xogħlijiet fiż-żona tas-Salvatur. Is-Sindku ppropona li jsiru x-xogħlijiet fuq l-imsemmija triq. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ilment dwar iż-żona tas-Salvatur

2.06 11.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-*Works Order* sabiex issir ix-xogħol fi Triq il-Merħliet saret, però x-xogħol għadu ma bediex. Manutenzjoni ta' Triq il-Merħliet

Il-Kunsilllier Nazju Cassar ppropona li f'din it-triq issir ukoll qtugħ tal-qasab.

2.07 11.08 Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' min hu inkarigat sabiex niksbu aktar informazzjoni dwar din l-iskema. Skema ta' xogħol fil-komunità, mill-*inmates* tal-Faċiltà Korrettiva ta' Kordin

2.08 11.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara diversi spezzjonijiet fil-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ innota li s-sitwazzjoni tjiebet. Ilmenti dwar il-latrina ta' Triq il-Kulleġġ

2.09 11.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra rigward il-fossa ta' Old Żebbuġ Rd kienet intbagħtet. Il-fossa ta' Old Żebbuġ Rd

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku saħaq li ħdejn il-latrina u ħdejn l-iskola fi Triq il- Kulleġġ qiegħed ikun hemm ammont kbir ta' boroż tal-iskart barra mill-ħin tal-ġbir. Għaldaqstant huwa ppropona li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Kulleġġ, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq San Publiju u Triq Sant'Antnin, bil-ħinijiet ta' ġbir tal-iskart u ninfurmaw li ser jibda jsir infurzar bl-*eco wardens*. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Skart fi Triq il-Kulleġġ

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssuġġerixxa li jidba jsir infurzar mill-*eco wardens* nhar ta' Ħadd fit-Triq Santa Rita xħin ikun wasal biex jibda jżarma l-monti. Il-Kunsill qabel.

3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva petizzjoni rigward it-tibdil fl-isem ta' Misraħ San Duminku. Huwa spjega li l-isem tal-Misraħ ma nbidilx iżda kien biss l-isem tal-ġnien li nbidel, li issa sar Ġnien Patri Martin Caruana. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lir-residenti fejn jiġi spjegat dan. Petizzjoni dwar tibdil fl-isem ta' Misraħ San Duminku

3.03 Il-Sindku informa l-laqgħa li kienet ntbagħtet ittra lil *Green MT* dwar il-*bring-in-sites* li jinstabu madwar ir-Rabat, minħabba li dawn jinsabu maħmuġin u hemm bżonn li jitnaddfu aktar spiss. Ittra lil *Green MT* rigward *skips* maħmuġin

3.04 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jiktbu l-artiklu għall-ħarġa tar-Rabta li jmiss sal-aħħar tax-xahar. Artikli għar-Rabta

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 226 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 226

## 5.00 Korrispondenza

5.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand ir-rettur tal-Knisja ta' San Martin il-Baħrija sabiex il-Kunsill jipprovdi erba' *mobile toilets* għall-festa tal-patrun San Martin. Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' din t-talba u jipprovdi żewġ *mobile toilets* is-Sibt u l-Ħadd.

Talba għall-*mobile toilets* u permessi għall-festa ta' San Martin

Il-Kunsillier Paul Grech li huwa wkoll iċ-Ċerpersin tal-KA tal-Baħrija qal li din is-sena ġie deċiż li l-bejjiegħa jingħataw permess sabiex jarmaw biss, mill-bandli 'l isfel, apparti għar-residenti, fejn dawn jistgħu jarmaw quddiem id-dar tagħhom.

5.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1459/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl sabiex tiżdied is-sigurtà fil-viċinanzi tal-iskola. L-amministrazzjoni qed titlob li jitneħħa l-ewwel post ta' parkeġġ li hemm fuq kull naħa tal-ħruġ mill-iskola primarja. Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-parkeġġ jibqa' kif inhu u minflok issir talba lil TM sabiex isiru d-*double yellow lines* faċċata tal-entratura tal-iskola.

Talba sabiex jitneħħa parkeġġ u jsiru *double yellow lines*

5.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1420/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiż-żona tal-Għemieri.

Installazzjoni ta' bozza fiż-żona tal-Għemieri

Is-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva.

5.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1500/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiż-żona ta' Ġnien Fieres.

Installazzjoni ta' bozza fiż-żona ta' Ġnien Fieres

Is-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekondat din il-proposta il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva.

5.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1501/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiż-żona tas-Salib.

Installazzjoni ta' bozza fiż-żona tas-Salib

Is-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekondat din il-proposta il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva.

5.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1502/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiż-żona ta' Wied Rini.

Installazzjoni ta' bozza fiż-żona ta' Wied Rini

Is-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva.

## 6.00 Ħruġ ta' kwotazzjoni għal servizz ta' trasport bil-*Mini Bus* Rabat/Imtarfa

6.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għal servizz ta' *mini bus* bejn ir-Rabat u l-Imtarfa. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi

Ħruġ ta' kwotazzjoni għal

ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. servizz ta' trasport bil-*mini bus* bejn ir-Rabat u l-Imtarfa

**7.00 Ħruġ ta' kwotazzjoni għal Żbir ta' Siġar**

7.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għal servizz ta' żbir ta' siġar. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħruġ għal kwotazzjoni għal żbir ta' siġar

**8.00 Tiġdid ta' kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill - Q/076/11**

8.01 Is-Sindku ressaq l-offerta Q/076/11 tat-tindif tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-prposta. Il-Kunsill qabel unanimamant li din l-offerta tiġi mġedda. Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-tindif tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill

**9.00 Tiġdid tal-offerta għal Kisi mill-Ġdid ta' Toroq - T/102/11**

9.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/102/11 għall-kisi mill-ġdid ta' toroq, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimamant li din l-offerta tiġi mġedda. Tiġdid tal-offerta tal-kisi mill-ġdid ta' toroq

**10.00 Tiġdid tal-offerta għall-kuntratt perjodiku għall-Kisi ta' Toroq mill-Ġdid - T/116/12**

10.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/116/12 tal-kuntratt perjodiku għall-kisi ta' toroq mill-ġdid u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimamant li din l-offerta tiġi mġedda. Tiġdid tal-offerta għall-kuntratt perjodiku għall-kisi ta' toroq mill-ġdid

**11.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru A32**

11.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A32 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Baħrija A32

**12.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru A32 u A33**

12.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A32 u A33 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù A32 u A33

## 13.00 Materji Oħra

| | | |
|---|---|---|
| 13.01 | Il-Kunsilier Andrew Mallia ppropona li jsiru *stands* tar-roti, madwar ir-Rabat. Is-Sindku Charles Azzopardi issekonda din il-proposta.<br><br>Ġie deċiż li l-imsemmija *stands* għandhom isiru, fi Triq San Pawl fuq il-bankina, faċċata tar-*Restaurant* Cosmana Navarra, Misraħ Anton Agius, ġol-ġnien ta' Misraħ San Duminku, taċ-Ċagħki ħdejn il-mużew u l-Baħrija ħdejn ġnien il-Barnuża l-Ħamra. Il-Kunsill qabel unanimament. | *Stands* tar-roti madwar ir-Rabat |
| 13.02 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro talbet li jinżabar ir-rand li hemm fejn l-iskola ta' Triq il-Kulleġġ, minħabba li dan qiegħed iżomm ħafna ħmieġ. Il-Kunsill qabel. | Żbir tar-rand Triq il-Kulleġġ |
| 13.03 | Is-Sindku ppropona li issir manutenzjoni tat-Triq Għajn Qajjet, faċċata tax-xewki. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. | Manutenzjoni tat-Triq Għajn Qajjet |
| 13.04 | Is-Sindku saħaq li l-arbuxelli li hemm fis-*central strip* ta' Triq San Piju V qed ikunu ta' periklu għas-sewwieqa u għalhekk ippropona li dawn jitneħħew u jinżergħu pjanti iżgħar minflokom. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel. | Pjanti fi Triq San Piju V |
| 13.05 | Is-Sindku ppropona li tidjieq il-bankina li tinsab fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Għajn Qajjet ħdejn *blocks* A,B,C. Dan minħabba li trakk tal-i*scammel* mhux qed ikun jista' iddur. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel. | Tidjieq ta' bankina fil-*Housing Estate* ta' Għajn Qajjet |
| 13.06 | Is-Sindku ppropona li jsir *resurfacing* ta' l-Sqaq iċ-Ċagħki. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel li tintalab stima lill-perit għal dan ix-xogħol. | *Resurfacing* tas-Sqaq iċ-Ċagħki |
| 13.07 | Is-Sindku qal li Bir Iljun hemm il-bozoz maqtugħin u li l-bozza ta' Triq San Bartilmew ilha xahrejn mixgħula l-ġurnata kollha. | Bozoz maqtugħin f'Bir Iljun u Bozza tixgħel Triq San Bartilmew |
| 13.08 | Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li jsir *extensive patching* u tindif f'Old Żebbuġ Road. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | *Extensive patching* u tindif f'Old Żebbuġ Road |
| 13.09 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi rranġat iċ-ċint ta' Ġnien Bir Iljun skont kif mitlub fir-rapport tal-MCCA. | Manutenzjoni fuq ċint ta' Ġnien Bir Iljun |
| 13.10 | Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li ssir talba lil TM sabiex isiru żewg *road humps*, fi Triq Mons Buhagiar. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. | Applikazzjoni għal żewġ *sleeping police* fi Triq Mons Buhagiar |
| 13.11 | Il-Kunsillier Nazju Cassar informa l-laqgħa li l-i*skips* li jinstabu ġewwa Old Żebbuġ Rd huma kollha mingħajr għatu. | Skips f' Old Żebbuġ Road |
| 13.12 | Il-Kunsillier Ian Vassallo saqsa jekk din is-sena l-għaqdiet Rabtin kinux ser jieħdu | Armar tat-toroq |

ħsieb sabiex l-armar tat-toroq għall-festi tal-Milied. għal żmien il-Milied

Is-Sindku qal li bħal kull sena l-Kunsill ser jinforma lill-għaqdiet Rabtin, li huma Żgħażagħ Rabtin Pawlini, Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u l-Arċikonfraternità ta' San Anton Abbati u l-Madonna taċ-Ċintura biex dawn jieħdu ħsieb l-armar tat-toroq.

Il-Kunsill qabel li l-kundizzjonijiet ikunu l-istess bħal tas-sena preċedenti inkluż il-qbil tal-ħlas finanzjarju fuq l-imsemmi xogħlijiet. Il-Kunsill approva unanimament.

13.13 Il-Kunsillier Rudolf Grima ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel talba lil TM sabiex it-tabelli li twaħħlu ġo Triq San Trofimu ta' "No parking for heavy vehicles" tapplika mis-7pm sas-7am u b'hekk matul il-ħin tax-xogħol u cioè mis-7am sas-7pm ikun possibbli li jipparkjaw vetturi kbar, u dan sabiex jintlaħaq kompromess bejn il-proprjetarji tal-imħażen u l-ħwienet u r-residenti. Il-Kunsill qabel.

Tabelli li twaħħlu fi Triq San Trofimu

13.14 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li fil-Wesgħa tal-Mużew hemm bżonn li jsir infurzar tal-liġi, minħabba li l-*coaches* xorta qegħdin jipparkjaw għal ħin twil fuq il-*Double Yellow Lines*. Huwa talab ukoll li l-Kunsill jerġa' jagħmel it-talba tiegħu lil TM sabiex jerġgħu jinżebgħu l-*parking spaces* għall-*coaches* fi Triq tal-Infetti. Il-Kunsill qabel.

*Coaches* fil-Wesgħa tal-Mużew u l-*parking spaces* fi Triq l-Infetti

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fid-9.13 pm

13.15 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq Sant'Aristarku hemm għalqa li hemm bżonn li titnaddaf.

Tindif ta' għalqa fi Triq Sant'Aristarku

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn informazzjoni li għandu l-Kunsill, din hija art privata u għaldaqstant ma tistax tiġi imnaddfa mill-Kunsill.

**14.00 Data tas-seduta li jmiss**

14.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-12 ta' Novembru fis-7.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

14.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.25 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 12 ta' Novembru 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**